# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**Laqgħa Nru. 42/K9/22**

Data tal-laqgħa: 26 ta' Mejju 2022

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Patricia Camilleri - Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Martin John Sultana - Kunsillier
John Agius – Kunsillier
Sean Gauci – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (1)**

Rita Dimech Portelli – Kunsilliera (Inc. 29993/22)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Cher Carmen Fenech – Deputat Segretarju Eżekuttiv
Marthese Grech - Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**42.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

42.1.01 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli talbet li tkun skużata għal-laqgħa tal-Kunsill minħabba li tinsab msiefra. L-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**42.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

42.2.01 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet il-Minuti 41/K9/22 għall-approvazzjoni.

42.2.02 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul talab li ssir korrezzjoni dwar 41.8.05.01 kliem li kien hemm dwar ir-rapport ta' ħidma li dan għandu jsir minn kull Kunsillier. Dan huwa imponut li jsir minn kulħadd.

42.2.03 Iċ-Ċermen Dott. Albert Buttigieg talab li ssir korrezzjoni dwar 41.8.13.01 dwar it-talba mingħand ic-City Site Seeing sabiex jiġu rranġati l-kliem u din ma tibqax promenade iżda tiġi il-Bajja ta' San Ġorġ.

42.2.04 Wara diskussjoni qasira u l-korrezzjonijiet li saru, l-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

42.2.05 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ssekondaħ fl-approvazzjoni.

42.2.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti Imqajjma mill-Minuti**

42.2.07 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri talbet x'sar dwar il-korrispondenza (41.8.09) li kellha ssir b'kollaborazzjoni ma' Frank Salt. Iċ-Ċermen skuża ruħhu u spjega li din kienet għadha ma saritx min-naħa tiegħu iżda kien ser ikun qiegħed jaħdem fuqha.

42.2.08 Il-Kunsillier Guido Dalli staqsa dwar punt 41.4.02 jekk intbagħatitx l-ittra lill-Avukat dwar il-Monument ta' Ġużè Tanti. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-ittra saret iżda għadha ma ntbagħtitx. Iċ-Ċermen spjega li tkellem mal-*electrician* tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni sabiex dan il-monument jinxtegħel. Huwa għadu qed jistenna risposta min-naħa tal-*electrician.* Huwa staqsa wkoll dwar il-ġbir ta' skart fi Triq Forrest fejn qiegħed jitpoġġa gozz f'post wieħed. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat li tkelmet

mal-kuntrattur fejn huwa spjega li jagħmel dan sabiex ma jinġemmax traffiku meta tkun qed issir il-ġabra u sabiex ikun aktar prattiku.

42.2.09 Il-Kunsillier John Agius staqsa dwar l-għeluq tas-sena finanzjarja, fejn huwa staqsa dwar is-sitwazzjoni finanzjarja. Iċ-Ċermen spjega li l-Kunsill għad baqalu flus x'jiġbor minn diversi entitajiet.

42.2.10 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul staqsa dwar 41.3.01 punt numru 5, jekk kienx hemm xi update fuqha. Iċ-Ċermen spjega li għadu qed jistenna risposta min-naħa tagħhom. Huwa staqsa dwar il-kwotazzjoni li kella tinġieb dwar niċċa ġewwa Ta' Ġiorni, il-Kunsillier Martin Sultana spjega li dawn ser ikun qiegħed jgħaddi tlett kwotazzjonijiet lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex terġa tiġi mressqa għal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Huwa ġibed l-attenzjoni wkoll li f'Xatt is-Sajjieda hemm tabella tal-camera li għandha bzonn tinbidel peress li hi msadda, kif ukoll repainting tal-junction box li hemm.

42.2.11 Il-Kunsillier Martin Sultana qajjem il-punt dwar il-permess li kellu jsir dwar ġewwa Xatt is-Sajjieda. Huwa ġie nfurmat li l-applikant reġa ġie japplika b'*number plate* ieħor. Huwa wkoll qajjem il-punt dwar qtugħ ta' ħaxix ħażin fi Triq Spinola int u nieżel lejn Xatt is-Sajjieda. Id-Deputat spjegat li dan ġie maqtugħ min-naħa tal-ħaddiem tal-Kunsill. Huwa staqsa wkoll dwar l-istaff jekk intbagħatux kors dwar il-*customer care*. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat li kien hemm laqgħa bejn l-istaff u ġew iċċarati xi punti, u ser tkun qiegħda tibagħat l-istaff għal dan il-kors.

## 42.3 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

42.3.01 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula spjega li ġewwa Patrick Brydone hemm area li qeda fid-dlam minħabba li m'hemm bozza. Huwa ġie nfurmat sabiex jibagħat il-post eżatt sabiex tkun tista issir bozza ġdida.

42.3.02 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri staqsiet dwar il-ħmieġ ta' l-annimali peress li mhux qed jinġabar. Hija staqsiet jekk għandiex xi stickers sabiex jitwaħħlu. Hija ġiet infurmata li l-Kunsill għandna l-istickers.

42.3.03 Il-Kunsillier Guido Dalli spjega li t-taraġ tal-Knisja tkisser bl-iscooters u s-shopping carriers li qed jgħaddu minn hemm. Huwa talab li ssir tabella biex tiġi evitata kull ħsara lit-taraġ.

42.3.04 Il-Kunsillier John Agius staqsa dwar kemm il-kuntrattur tat-toroq għandu garanzija fuq it-toroq li jkun għamel. Dan minħabba sitwazzjoni ġewwa Triq Lapsi meta tagħmel ix-xita. Iċ-Ċermen ser

ikun qiegħed ikellem lill-Perit tal-Kunsill. Huwa staqsa wkoll dwar il-ħlas tal-advertising barriers. Iċ-Ċermen spjega li saret laqgħa mal-kuntratturi ikkonċernati fejn ingħataw *timeframe* sabiex jagħmlu l-pagamenti neċessarji. Huwa spjega wkoll li jekk dan ma jsirx ser ikunu qed jinqalaw min-naħa tal-Kunsill għas-spejjez tal-kuntrattur.

42.3.05 Il-Kunsillier Martin John Sultana spjega dwar il-culverts li hemm fi Triq il-Kbira miżdudin, biex dawn isiru qabel ma tibda l-ewwel xita. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ġabet kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur ikkonċernat li ser tiswa €150 vat eskluż għal kull siegħa xogħol. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel ma din il-kwotazzjoni. Filwaqt li ċ-Ċermen ser ikun qiegħed jagħmel laqgħa maċ-ċermen il-ġdid ta' Infrastructure Malta sabiex nippruvaw inġibu fondi biex jiġu rranġati l-*culverts*. Huwa staqsa wkoll sabiex isir container tal-injam sabiex jintremma l-iskart ħdejn il-ġibjun ġewwa Ta' Ġiorni u fi Triq Charles Sciberras ħdejn The Fives. Iċ-Ċermen spjega li jekk nintroduċu dawn il-containers ser jinħoloq kunċett ta' skips.

## 42.4 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen;

42.4.01 Iċ-Ċermen:

- Bagħat email lill-Kunsill dwar il-permessi dwar depożiti li ser jibdew jinżammu mill-1 ta' Ġunju 2022 għall-użu ta' makkinarji. Huwa spjega li ser jibda jinżamm l-ammont ta €50 għal kull tip ta' Lifter, High Up u Cherry Picker filwaqt li €200 għal makkinarju ieħor. Filwaqt li fir-rigward l-iskips din id-depożitu ma tistax tinżamm minħabba li trid issir *byelaw* ġdida.

- Dwar Xatt is-Sajjieda spjega li hemm id-dawl maqtugħ. Huwa nforma lill-Kunsill li ntbagħatet email lill-Enemalta sabiex dan jiġi rranġat.

- Tressqet talba għal tables & chairs ġewwa Xatt is-Sajjieda. Il-Kunsill ser ikun qiegħed jżomm mad-deċiżjoni tal-Malta Tourism Authority li dan ma jingħatax permess sabiex ma jinħoloqx preċedent.

- Spjega li saru xi xogħolijiet fil-promenade min-naħa tal-Foundation for Tourism Zone u mill-Malta Tourism Authority. Il-ħaddiema ta' dawn l-entitajiet għamlu diversi manutenzjonijiet. Filwaqt li l-Kunsill xtara ż-żebgħa.

- Il-Cleansing Service Department ser ikunu qed jipprovdu tnax il-cigarette bins b'xejn.

- Spjega dwar is-sitwazzjoni ta’ l-e-scooters. Huwa tkellem ma’ l-Avukat tal-Kunsill fejn spjegalu li kull tip ta’ reklam li jsir inkluż fuq dawn l-iscooters, għandhom ikunu bil-permess tal-Kunsill. Dan minħabba li l-Kunsill għandu byelaw dwar reklami fuq għamara tat-toroq. Iċ-Ċermen qara l-ittra ta’ l-Avukat. Ġie deċiż li qabel ma’ din l-ittra tintbagħat, iċ-Ċermen ser ikun qiegħed jitkellem ma’ diversi Sindki fosthom Gzira, Sliema, Msida, Pembroke u Swieqi. Dan biex ikun hemm aktar forza meta tintbagħat din l-ittra.

- Spjega li din is-sena minħabba li kien hemm il-pandemija, ir-Reġjun Lvant ser jalloka €15,000 ta’ fondi għal-attivitajiet kulturali jew sportivi. Dawn ser jitqassmu kif ġej:

  a) Paroċċa San Giljan u Knisja tal-Karmnu, Balluta ser ikunu qed jingħataw l-ammont ta’ €1,500 kull wieħed.

  b) It-tliet baned fil-lokalita’ ser ikunu qed jingħataw l-ammont ta’ €1,000 kull wieħed.

  c) Għaqda tal-Armar Festa Madonna tal-Karmnu Balluta u Għaqda Armar San Ġiljan ser jingħataw €1,000 kull wieħed.

  d) Għaqda Piroteknika San Ġiljan ser jingħataw €1,000.

  e) Għal tal-Ġostra ser ikunu qed jingħataw €1,000.

  f) Għaqda Dillettanti Knisja ta’ Lapsi ser ikunu qed jingħataw €1,000.

  g) U għal-attivita’ sportiva li ser issir bejn Lulju u Settembru ser ikunu qed jingħataw l-ammont ta’ €2,000.

  Id-differenza ta’ €2,000 li fadal, l-Kunsillier Adrian Domenic issuġerixxa li jingħataw għall-futbol u l-Waterpolo ġewwa l-lokalita’.

- Spjega li ser ikunu qed jsiru fustuni mill-Baracuda sal-Kappella tal-Kunċizzjoni. Inġabet kwotazzjoni mingħand id-D Street Lighting (kuntrattur tal-Kunsill) għal perjodu ta’ tlett xhur. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel ma din il-kwotazzjoni. Din il-kwotazzjoni ser tkun qed tiġi ffinanzjata parti sostanzjali mill-Malta Tourism Authority, parti oħra mir-Reġjun Lvant u parti mill-Kunsill.

**42.5 Electric Barriers f'Xatt is-Sajjieda**

42.5.01 Dwar il-barriers huwa spjega li ltaqa' ma' l-operatur tal-barriers fejn ġie spjegat li l-cards għad-dħul ser ikunu marbuta bil-ħin.

42.5.02 Għandha titħalla depożitu fuq il-card li ser tkun qed tingħata. Għal MFA u MFB, din il-card tista tkun bla limitu iżda wara siegħa u nofs il-vettura ma tkunx tista' tibqa hemmhekk u għalhekk tingħata multa. Filwaqt għal MFC u S dawn ikunu limitati bil-ħin

42.5.03 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-card tiġi użata darbtejn fil-ġurnata b'massimu ta' tlett siegħat. Dan jista' jseħħ bejn is-6.00a.m. u d-9.00a.m

**42.6 Budget 2022**

42.6.01 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat li dawn ser ikunu qed jiġu ppreżentati fil-laqgħa li jmiss peress li għadhom mhux lesti.

**42.7 Business Plan**

42.7.01 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat li dawn ser ikunu qed jiġu ppreżentati fil-laqgħa li jmiss peress li għadhom mhux lesti.

**42.8 Quarterly Report as at September 2021 & December 2021**

42.8.01 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet l-quaterly report sa' Settembru 2021 u Dicembru 2021 (Ara Appendici 'A' u 'B').

42.8.02 Wara diskussjoni qasira, ċ-Ċermen Albert Buttigieg ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

42.8.03 Il-Kunsillier Sean Gauci ssekondah fl-approvazzjoni.

42.8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**42.9 Preparamenti ghall-Festi – Balluta u San Giljan**

42.9.01 Ġie spjegat li:

- Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv ser ikunu qed jagħmlu laqgħa sabiex jiġi

diskuss *traffic management*, egħluq tat-toroq etc. għal żmien il-festi kemm tal-Balluta kif ukoll ta' San Ġiljan.

- It-toilets tal-Balluta u ta' Spinola ser jibqgħu miftuħin sa tard bil-lejl għal waqt il-festa.

- Talbiet għall-kiosks ġodda mhux ser ikunu aċċetati.

- Applikazzjonijiet għall- permessi għal-festa tal-Balluta ser ikunu qed jiġu aċċetati bejn l-20 ta' Ġunju 2022 sal-11 ta' Lulju 2022. Applikazzjonijiet wara din id-data mhux ser ikunu qed jiġu aċċetati. Ser ikun qiegħed jinħareġ avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

**42.10 Talbiet żgħar;**

**42.10.01 Korrispondenza dwar Parkegg f'Xatt ta' Spinola (Inc. 29345/22)**

42.10.01.01 Iċ-Ċermen ser ikun qed jerġa jitkellem mal-applikant.

**42.10.02 Email dwar talba ghall-meeting dwar tournaments (Inc. 29659/22)**

42.10.02.01 Dan it-tournament qiegħed jiġi ssuġerit li jsir bejn Lulju u Settembru. Kien hemm diversi areas li qed jiġu issuġeriti fosthom fejn il-Banis, il-ground ta' l-iskola, Tigulio car park u futbol ground ta' Ta' Ġiorni. Id-Deputat Segretarju issuġerit biex min ħa jorganizza din l-attivita' jfittex aktar sponsors. €2,000 ser ikunu qed jingħataw mill-fondi tar-Reġjun Lvant imsemmija aktar il-fuq.

**42.10.03 Email dwar talba sabiex isir thawwil ta' sigra bhala memorja (Inc. 29888/22)**

42.10.03.01 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li din issir dment li din is-siġra tkun uniformi ma' li diġa hemm.

**42.10.04 Email dwar permess sabiex titpogga karozza f'unloading bay (Inc. 29943/22)**

42.10.04.01 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dment li jinħareġ permess ta' advertising.

**42.10.05 Prezentazzjoni li saret fiz-zjara fil-Grecja (Inc. 29915/22)**

42.10.05.01 Il-Kunsilliera tkelmu dwar din iż-żjara u spjegaw kif marru. Il-Folkor kien sabiħ, l-agrikultura kienet fundamentali. Il-Kunsillier Martin Sultana spjega li s-Sur Ciocchetti ippropona li nkabbru l-kultura tagħna aktar flimkien.

**42.10.06 Skema dwar xogholijiet ta' manutenzzjoni fil-lokalitajiet ta' Malta u Ghawdex (Inc. 29891/22)**

42.10.06.01 Din mhux ser inkunu qed napplikaw għaliha.

**42.10.07 Applikazzjoni dwar teatru grieg ġewwa Ta' Ġiorni**

42.10.07.01 Din ser inkunu qed niċċekjaw minn fejn nistgħu nġibu l-fondi neċċessarji.

**42.10.08** Ser inkunu qed nistiednu lill-*Community Police* għal-laqgħa li jmiss.

**42.10.09 Kwotazzjonijiet dwar s-servizz ta' vann għal matul is-sajf.**

42.10.09.01 Id-Deputat Segretarju ressqet għall-approvazzjoni tlett kwotazzjonijiet dwar il-vann għal matul is-sajf.

42.10.09.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li tintgħażel l-kwotazzjoni ta' l-ALM. Dan il-vann ser ikun qiegħed jopera bejn il-15 ta' Ġunju 2022 sa l-aħħar ta' Awwissu 2022 fid-9.30p.m. u fil-11.00p.m.

**42.10.10 Email mill-Parroċċa San Ġiljan dwar Lejla Maltija – Festa San Ġiljan 2022 (Inc. 30022/22)**

42.10.10.01 Din il-materja ġiet diskussa aktar il-fuq.

**42.10.11 Email b'talba għal-laqgħa mal-Onor. Ing. Mark Anthony Sammut. (Inc. 30021/22);**

42.10.11.01 Din ser terġa tittela' fil-laqgħa li jmiss sabiex ntuħ data oħra minħabba li fil-laqgħa li jmiss ser ikunu qed nistiednu lill-*Community Police*.

42.10.12 Dwar il-korrispondenza fir-rigward il-blokk ta' mezzanini ser inkunu qed nagħmlu laqqħa magħhom fejn ser ikunu qed jattendu iċ-Ċermen kif ukoll il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul.

42.10.13 Dwar l-agreement tan-notebook centre, dan skada. Iċ-Ċermen issuġerixxa li jitnaqqas it-total tal-ammont bil-

kundizzjoni li jinqdew l-ewwel mitt resident. Il-Kunsillier Sean Gauci sssuġerrixa li din tkun miftuħa għal kulħadd iżda jkun hemm discount għal kull resident. Iċ-Ċermen ser ikun qiegħed jerġa jkellem lill-Notebook Centre.

42.10.14 Inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni li nġabet mingħand il-kuntrattur Galea Cleaning Solution dwar qlugħ ta' zokk ġewwa ta' Ta' Ġiorni. Din il-kwotazzjoni tammonta għal €2,000 li dan huwa ammont sostanzjali u li l-Kunsill mhux lest li jħallas. Għaldaqstant intalbet li tingħata kwotazzjoni oħra għal qtugħ ta' dan l-istess zokk.

**42.11 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

42.11.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5697 sa 5730. (Ara Appendiċi 'Ċ')

42.11.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**42.12 Skeda tal-Pagamenti**

42.12.01 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'D')

42.12.02 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

42.12.03 Il-Kunsillier Sean Gauci ssekondaħ fl-approvazzjoni.

**41.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

41.11.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar il-Ħamis 23 ta' Ġunju 2022 fl-4.30p.m.

41.11.02 Il-laqgħa ntemmet fit-7.45p.m.

**IFFIRMATI**

| | |
|---|---|
| **Dott. Albert Buttigieg** | **Cher Carmen Fenech** |
| **Ċermen** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv** |

**Data:** 23 ta' Ġunju 2022